**PROCEDURA EWROPEA GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr Graziella Bezzina LL.D.**

**Nhar it-Tlieta 3 ta' April, 2012**

**Talba Nru: 5/11GB**

**Rennie Bonnici**

**vs**

**Simon Howard Commercials Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet lis-socjeta' konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' mitejn lira Sterlina (£ 200.00), refuzjoni ta' depozitu mhallas mill-attur lis-socjeta' konvenuta fuq Ford Transit Minibus. L-attur kien qed ifittex Ford Transit Minibus 2007 (skond struzzjoni minn TM Transport Malta), Bejjiegh irreklama van tal-2007. Meta l-attur ikkuntattjah assigurah li l-minibus kien tal-2007. L-attur bghatlu depozitu ta' £ 200 (Dok. RB). VOSA UK dawn qalulu li l-minibus kien manifatturat fl-2006 u ghalhekk ma kienx tajjeb ghax-xoghol Malta. Il-Bejjiegh rrifjuta li jibghat rifuzjoni lura.

Bl-imghax legali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, tilqa’ t-talba tal-attur u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ mitejn lira Sterlina (£ 200.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta

**Graziella Bezzina LL.D.**
**Gudikatur**